

# Il-ĦIDMA GĦALL-PAĊI, L-IMĦABBA U L-ARMONIJA FIS-SOĊJETÀ

# IL-ĦIDMA GĦALL-PAĊI, L-IMĦABBA U L-ARMONIJA FIS-SOĊJETÀ

Riċeviment Speċjali ad unur Ħażrat Mirża Masroor Aħmad (Khalifatul Masiħ V). Dan li ġej hu indirizz mogħti fit-Taj Residency Hotel, Ernakulam, Kerala, fit-30 ta' Novembru, 2008.

**Il-Komunità Aħmadija Musulmana Malta**

**Establishing Peace, Love and Harmony in Society**

An address by Hadhrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul Masih V, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Jamaat, delivered at The Taj Residency Hotel, Emakulam, Kerala, Indiaon November 30, 2008, at VIP Reception in honour of His Holiness

Translated into Maltese from English By: Ahmadiyyav Muslim Jamaat, Malta

(Maltese Translation)

First published in Malta in 2011

© Islam International Publications Limited

Published by:
Islam International Publications Limited
"Islamabad"
Sheephatch Lane, Tilford, Surrey GU10 2AQ
United Kingdom

Printed in Malta

For further information please contact:

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
Tel: (+356) 21322105
Fax: (+356) 27322105
Mob: (+356) 79320139
Email: amjmalta@gmail.com
www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

ISBN: 978-1-84880-667-2



# Bniedem ta' Paċi

Fit-22 t'April 2003, fil-Moskea ta' Fażal f'Londra, Mirża Masroor Aħmad inħatar bħala l-Ħames Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana li hi mxerrda mad-dinja kollha. Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu m'Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Dak li Jista' Kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti.

"M'hemm l-ebda reliġjon fid-dinja – tista' tkun l-Iżlam, il-Kristjaneżmu, l-Ħinduiżmu, jew kwalunkwe twemmin ieħor – li titkellem favur il-qerda tal-paċi. Kull persuna tħobb il-paċi u tobgħod id-diżordni. Kull qalb għandha tendenza li twettaq atti ta' ġenerożità u kull persuna twajba tixtieq li l-paċi tirrenja fid-dinja." *(Minn diskors mogħti f'Nirrispettaw is-Sentimenti Reliġjużi, konferenza dwar il-paċi minn twemmin differenti organizzata fil-Moskea Baitul Futuħ f'Marzu 2008)*

# Il-Ħidma għall-Paċi, l-Imħabba u l-Armonija fis-Soċjetà

***"L-Iżlam huwa r-reliġjon tal-paċi u l-imħabba... Il-Musulmani ġew ordnati li jastjenu mill-ħażen u jaddottaw il-virtù u s-sewwa."***

***"Ma tistax tagħti parir lill-oħrajn jekk int ma timxix mat-triq tas-sewwa int innifsek."***

***"F'dawn iċ-ċirkustanzi li qegħdin fihom il-Ġiħad għandu jkun bil-pinna, billi tirriformaw lilkom infuskom u xxerrdu l-messaġġ tal-paċi, mhux tax-xabla. Il-Ġiħad tax-xabla issa mhuwiex permess."***

# Riċeviment Speċjali ad unur Ħażrat Mirża Masroor Aħmad (Khalifatul Masiħ V). Dan li ġej hu indirizz mogħti fit-Taj Residency Hotel, Ernakulam, Kerala, fit-30 ta' Novembru, 2008.

*Assalamu 'Alaikum Waraħmatullah* lill-mistednin kollha rispettabbli u onorevoli.

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-mistednin kollha distinti, li b'qalbhom miftuħa u bil-ġentilezza kollha ngħaqdu magħna hawnhekk illum. B'dan l-għemil tagħkom intom wettaqtu r-rabta umana ta' ħbiberija u wrejtu li intom żżommu bi stima kbira s-sentimenti tal-oħrajn. L-Indja hu pajjiż vast fejn jgħixu nies ta' kasti u ta' reliġjonijiet differenti, u għas-sopravivenza tan-nazzjon hu meħtieġ li aħna nirrispettaw il-ħsus u s-sentimenti ta' xulxin.

Illum id-dinja tikkonsisti f'popli li jappartjenu lil reliġjonijiet differenti u l-fundaturi ta' dawn ir-reliġjonijiet kollha għallmu lis-segwaċi tagħhom biex iqimu Alla wieħed u jaqdu d-dmir li jagħtuH id-drittijiet li jisħoqq lilU u 'l-ħolqien Tiegħu. Madwar 1400 sena ilu, Alla Omnipotenti bagħat il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u l-liġi rivelata lilu fil-forma tal-Koran Imqaddes. Dwar dan il-Ktieb li fih il-liġijiet, Alla Omnipotenti jgħid fil-Koran:

***"Tassew, Aħna nfusna bgħatna dawn l-eżortazzjonijiet u bla dubju ta' xejn Aħna se nkunu l-Għassiesa tiegħu."***

(Kapitlu 15 : Vers 10)

Għalhekk, sal-lum il-Koran Imqaddes għadu fil-forma l-aktar pura tiegħu mingħajr ma sarlu l-ebda tibdil fih. Ħafna Orjentalisti wkoll jaffermaw dan il-fatt. Dan il-ktieb kien rivelat lill-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) 1400 sena ilu, kif diġà għedt, u meta nirriflettu dwaru nirrealizzaw li jiġbor fih firxa wiesgħa ta' suġġetti. Fejn (il-Koran Imqaddes) jikkonferma l-miġja tal-profeti f'nazzjonijiet varji, hekk jivverifika wkoll il-verità tat-tagħlim tagħhom. Jgħallem lill-bniedem kif jattwa d-drittijiet ta' ħaddieħor, liema kundizzjonijiet huma permessi għall-gwerra u sa liema limiti għandha tasal il-gwerra. Jinfurmana wkoll dwar l-invenzjonijiet li huma mistennija fil-futur – jiġifieri, l-invenzjonijiet tal-lum – kif għandu jsir in-negozju, u l-bqija, biex inkun semmejt xi ftit minnhom.

**Jekk wieħed janalizza l-Koran Imqaddes b'mod kritiku, it-tagħlim tiegħu nistgħu niġbruh f'żewġ taqsimiet prinċipali. L-ewwel taqsima tkun ir-rikonoxximent tal-Ħallieq tagħna, u t-tieni tkun dwar id-drittijiet li għandhom jingħataw lill-ħolqien Tiegħu. Anki jekk xi kritiċi ma jifhmux xi tagħlim tal-Koran Imqaddes, jew ma jemmnux fihom, huma, madankollu, xorta jammettu l-oriġinalità tiegħu. Biex wieħed jifhem il-Koran Imqaddes sewwa wieħed jeħtieġ determinazzjoni u purità fil-qalb.**

Mal-miġja tal-Iżlam, il-Koran Imqaddes kien imfisser lill-bnedmin mill-Profeta Qaddis nnifsu (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu), li għallmu lil sħabu; imbagħad warajh, nies oħra devoti studjawh ukoll, fehmuh u spjegawh lil oħrajn għal għexieren ta' snin.

Aħna nemmnu wkoll li f'kull seklu, Alla Omnipotenti bagħat riformaturi qalb il-Misilmin, u dawn kienu responsabbli għat-tixrid tat-tagħlim veru u l-messaġġ tal-Iżlam għal kulħadd, kemm għal min hu Musulman u kemm għal min mhux. Xi wħud minn dawn ir-riformaturi ġew lejn is-subkontinent tal-Indja. Imbagħad fl-1889, il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija fl-Iżlam, minn Kadjan fl-Indja, iddikjara li hu r-riformatur u l-Messija u l-Maħdi li kellu jidher fl-erbatax-il seklu u li kien ipprofetizzat mill-Profeta Qaddis.

Aħna l-Aħmadin, waqt li nemmnu fid-dikjarazzjoni tiegħu, nappartjenu lill-komunità tiegħu u naċċettawh bħala l-Messija u l-Maħdi li għandu

jgħaqqad il-popli kollha, kemm Musulmani u kemm dawk li mhumiex, taħt Alla Wieħed, sabiex id-differenzi reliġjużi jitneħħew mid-dinja, u sabiex in-nies jibdew jirrealizzaw l-iskop tal-ħolqien tagħhom hekk kif mgħallma mill-profeti kollha, li jagħtu d-drittijiet mistħoqqa lill-Ħallieq tagħhom u li jagħtu d-drittijiet mistħoqqa lil xulxin ukoll.

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija fl-Iżlam, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad Kadjani, il-Messija Mwiegħed (il-paċi ta' Alla tkun miegħu), ħabbar ukoll li l-iskop tal-miġja tiegħu kienet li jsaħħaħ l-għaqda bejn il-bniedem u l-Ħallieq tiegħu u t-tieni biex jiġbed l-attenzjoni tal-bniedem sabiex jagħti d-drittijiet mistħoqqa lejn il-ħolqien t'Alla. Hu għallem li l-bniedem għandu jersaq aktar qrib lejn il-Ħallieq tiegħu billi jqimU u għandu jagħti d-drittijiet li wieħed għandu jagħti lill-ieħor sabiex ineħħi l-motivi ta' lmenti kollha u l-argumenti reliġjużi li jinqalgħu fost in-nies. Hu semma' wkoll li dawn jagħmlu parti mit-tagħlim tal-Koran Imqaddes. Hawnhekk wieħed għandu jinnota li Alla kultant jitkellem metaforikament, u għalhekk mhux dejjem ikun faċli għall-bnedmin li jifhmu. Għalhekk Alla jibgħat messaġġiera fid-dinja biex ifissru u jwasslu l-messaġġ ta' Alla lilhom, dak li kien irrivelat lill-Profeti fil-passat. Skont it-twemmin tagħna, Ħażrat Masiħ-e-Mau'ood (il-Messija Mwiegħed, il-paċi ta' Alla tkun miegħu) hu r-riformatur speċjali li Alla Omnipotenti bagħat f'dan iż-żmien biex iwassal il-messaġġ Tiegħu lilna.

**Issa fil-qosor sejjer nelabora fuq dak li l-Koran Imqaddes jgħallimna dwar kif nistabbilixxu l-paċi fis-soċjetà u kif inħarsu d-drittijiet ta' xulxin. Aħna l-Aħmadin nippruvaw nassiguraw li aħna dejjem nimxu fuq dan it-tagħlim u naqsmuh ma' oħrajn sabiex id-dinja ssir kenn ta' paċi, imħabba u armonija.**

Il-Musulmani ġew ordnati li jastjenu mill-ħażen u jaddottaw il-virtù u s-sewwa. Dwar dan il-Koran jgħid:

"Intom l-aqwa nies imrobbijin għall-ġid tal-umanità. Intom ikkmandati li tagħmlu t-tajjeb u tipprojbixxu l-ħażen u temmnu f'Alla." (Kapitlu 3 : Vers 111)

Għalhekk, il-bnedmin li jemmnu fil-Koran Imqaddes ġew mogħtija parir

biex juru integrità fl-isforzi kollha tagħhom u jaħdmu biex jippromwovu t-tajjeb u s-sewwa fis-soċjetajiet tagħhom. Iżda qabel wieħed ikun jista' jagħti parir lill-oħrajn dwar dawn l-affarijiet, wieħed għandu jipprattika dak li jipprietka. Ma tistax tagħti parir lill-oħrajn jekk int ma timxix mat-triq tas-sewwa int innifsek. Kieku dawk in-nies kollha li jiddikjaraw li huma fit-triq tas-sewwa jimxu fuq dan il-prinċipju, allura l-parir tagħhom ikun effettiv; huma jiġu meqjusa bħala membri siewja tas-soċjetà. L-oħrajn ikunu jirrispettawhom, jagħtu importanza għal dak li jgħidu, u jobduhom la huma jifhmu li dan il-bniedem mhux qed jaddotta dan il-mod li jersaq lejn dak li jkun għall-ġid tiegħu biss iżda jersaq minn qalbu għall-ġid tal-oħrajn. Hu jeżerċita ġustizzja mill-akbar fit-trattamenti tiegħu mal-oħrajn u meta jwissi lill-oħrajn biex jaħarbu mill-ħażen u jaddottaw il-virtù, hu jistenna dan ukoll mill-għeżież tiegħu.

Kif għandna nsaħħu l-ġustizzja u nippromwovu l-paċi, l-imħabba u l-ħbiberija bejn l-aħwa fis-soċjetà? Il-Koran Imqaddes jgħid:

"U meta titkellmu osservaw il-ġustizzja, anki jekk il-persuna kkonċernata tkun tiġi minnek, u ssodisfa l-patt ta' Alla." (Kap 6 : Vers 153)

Il-ġustizzja teħtieġ li anke jekk ikollok tixhed kontra l-għeżież tiegħek, allura jkollok tagħmel hekk. Illum, meta nħarsu aktar fil-qrib madwarna, nosservaw li ħafna mit-tilwim u kawżi ta' nuqqas ta' ftehim fost il-bnedmin iseħħu għaliex ma tiġix applikata l-ġustizzja kif suppost. Aħna naħsbu biss fl-interessi personali tagħna biex nakkwistaw xi ħaġa, jew f'dawk tal-għeżież tagħna, mingħajr ma nqisu l-fatt li nies oħra jistgħu jweġġgħu bl-azzjonijiet tagħna; u ladarba jinbtu l-kwistjonijiet ikun diffiċli ħafna biex neliminawhom.

Dwar ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-livell ta' ġustizzja li aħna mistennija nuru huwa mwassal ċar u tond b'dan il-kliem fil-Koran Imqaddes:

"O intom li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, agħtu xhieda b'sens ta' ġustizzja. U tħallux il-mibegħda tan-nies tinċitakom biex taġixxu b'mod ieħor minflok b'ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, jiġifieri aktar qrib

is-sewwa. U ibżgħu minn Alla; tassew Alla jaf x'qegħdin tagħmlu." (Kap 5 : Vers 9)

Dan hu l-livell għoli ta' ġustizzja li għandu jiġi stabbilit fis-soċjetà. Biex inneħħu l-mibegħda u n-nuqqas ta' ftehim mid-dinja rridu nuru ġustizzja sa dak il-punt fejn il-mibegħda tan-nies ma ġġagħalniex naġixxu mod ieħor ħlief b'ġustizzja.

Meta Alla li jista' kollox jgħid li Hu Jaf Kollox u Jisma' Kollox, allura għall-bniedem bil-biża' ta' Alla f'qalbu, din hija ħaġa gravi, għaliex tista' faċilment tgħammad lil xi ħadd iżda ma tistax tqarraq b'Alla. Tista' tmur kontra dak li tkun ftehimt man-nies u tqarraq bihom, iżda Alla jaf dak li hu evidenti u dak li hu moħbi f'qalbna. Għalhekk ma nistgħux nilagħbuha ta' bnedmin li moħħna jilħqilna quddiemU. Alla li jista' kollox ikkmandana biex dejjem naġixxu b'ġustizzja, inżommu l-biża' ta' Alla f'moħħna, u biex dejjem nagħtu d-drittijiet li jappartjenu lil ħaddieħor bil-biża' ta' Alla f'qalbna. Meta tasal għal ftehim mal-għedewwa, agħmel hekk b'qalbek safja, u bl-iskop li tistabbilixxi l-ġustizzja fid-dinja. U min jemmen f'Alla għandu jiftakar li Alla qed jara dak kollu li nagħmlu. Dan it-tagħlim sabiħ jgħinna nwarrbu l-mibegħda mis-soċjetà.

Issa sejjer nagħti eżempju ta' kif il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) kien jipprattika l-ġustizzja fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Huwa rrakkuntat li darba waħda wieħed Lhudi mar quddiem il-Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) jilmenta li sieħeb tal-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) ma tahx lura l-erba' dirham, il-munita ta' dak iż-żmien, li kellu jagħti lil-Lhudi, u ż-żmien tar-radd lura tal-flus kien għadda. Il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) sejjaħ lil sieħbu u staqsieh jekk ġarax kif qallu l-Lhudi, u sieħbu qallu li dik kienet il-verità. Il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) qallu biex jagħti l-flus lura. Sieħbu qallu li ma kellux il-flus dak il-ħin u li kellu jirritornahom malli jkollu. Il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) mill-ġdid qallu biex jirritorna l-flus. Sieħbu reġa' wieġeb li ma kellux il-flus. Din ġrat għal tliet darbiet, u wara dan is-sieħeb ġie mġiegħel mill-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) biex jagħti lura l-flus. Hu mbagħad mar is-suq, biegħ il-ħwejjeġ li kien liebes għal erba' dirham,

poġġa x-xedd tar-ras fuqu, u rritorna l-flus lil-Lhudi. Dan hu l-mod kif il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) mexxa lis-segwaċi tiegħu biex jonoraw il-ftehim tagħhom u juru ġustizzja sabiex il-paċi u l-ġustizzja jsaltnu fis-soċjetà.

**Dan it-tagħlim Koraniku u l-azzjoni li ħa l-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) juru lill-Misilmin it-triq tas-sewwa li għandhom jieħdu. Illum, dawk li jopponu l-Iżlam, jikkritikawh għaliex tintuża l-forza u jgħidu li hu estrem fin-natura tiegħu; madankollu, din l-allegazzjoni hi kompletament bla bażi. L-Iżlam hu reliġjon ta' paċi, imħabba u armonija. Fl-istorja tiegħu, jekk qatt kienu miġġildin il-gwerer, dawn ġew miġġildin għaliex bdewhom l-għedewwa tagħhom. Anki f'dawn il-gwerer, il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) dejjem stenna li ssir ġustizzja. Hu dejjem ordna lil sħabu biex it-tfal, in-nisa, ix-xjuħ u dawk li kienu dgħajfa ma jiġux imweġġgħin. L-ebda mexxej ta' reliġjon, tkun liema tkun, li jkun qed jgħix fil-paċi fid-dar fejn jagħti l-qima m'għandu jiġi mweġġa'. Lanqas is-siġar ma kellhom jitwaqqgħu bi skop ta' ħsara lill-għadu.**

Il-gwerer kienu biss bejn armata u oħra. Kif tista' tistenna minn xi ħadd azzjoni sabiħa u ta' virtù aktar minn din mogħtija mill-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu)? Bħala paragun, meta tara l-gwerer miġġielda llum, huma n-nies ċivili innoċenti u l-abitanti tal-bliet li qed jiġu affettwati. Huma l-membri innoċenti u d-dgħajfa tas-soċjetà li qed jintlaqtu minn dan il-bumbardament kattiv. L-Iżlam qatt ma jgħallem krudeltà bħal din. Jaħasra! Illum dan it-tagħlim sabiħ qed jiġi injorat u qed jiġi interpretat ħażin minn xi gruppi Musulmani, b'konsegwenza li qed jinfamaw l-isem tal-Iżlam.

**Illum il-ġurnata aħna nemmnu fl-Imam (il-Mexxej) ta' dan iż-żmien, il-Messija u l-Mahdi, li għallimna li f'dawn iċ-ċirkustanzi li qegħdin fihom il-Ġiħad għandu jkun bil-pinna, billi tirriformaw lilkom infuskom u xxerrdu l-messaġġ tal-paċi, mhux tax-xabla. Il-Ġiħad tax-xabla issa mhuwiex permess. Issa għandna biss nikkonċentraw billi nressqu n-nies lejn it-tagħlim sabiħ tal-Iżlam.**

Wara l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija ġie stabbilit il-Khilafat, li

twaqqaf biex ikompli x-xogħol li jirrappreżenta t-tagħlim veru tal-Iżlam u jassigura li l-bnedmin jiġu mmexxija lejn it-triq tas-sewwa bir-riforma u t-taħriġ morali. Skont it-twemmin tagħna, ibbażat fuq it-tagħlim Koraniku, m'hemmx sfurzar fir-reliġjon. Kulħadd huwa ħieles biex jistqarr ir-reliġjon tal-għażla tiegħu, iżda ħadd m'għandu d-dritt li jbaxxi reliġjonijiet oħra jew il-fundaturi tagħhom. Dan (l-għemil) hu kontra t-tagħlim tal-Koran Imqaddes. Aħna ġejna kkmandati biex nirrispettaw is-sentimenti tal-oħrajn u nressqu l-bniedem biex jagħti qima lill-Ħallieq tiegħu sabiex ixerred il-paċi, l-imħabba, u l-armonija fis-soċjetà.

Illum, numru mhux ħażin ta' nies moħħhom biex ifittxu s-sodisfazzjon tal-interessi personali egoistiċi tagħhom, mingħajr ma jaħsbu fid-drittijiet tal-oħrajn. Jekk aħna ma nagħrfux il-Ħallieq tagħna u ma nagħtux id-drittijiet li jistħoqqu lil xulxin, id-dinja sa titmexxa lejn diżastru terribbli li l-effett tiegħu jibqa' jinħass fis-snin li ġejjin u l-ġenerazzjonijiet futuri se jagħtuna l-ħtija ta' dan kollu. Hi t-talba ħerqana tiegħi li aħna nipproteġu lilna nfusna u l-ġenerazzjoni tagħna minn qirda bħal din. Għal darb'oħra nirringrazzjakom talli qgħadtu bil-paċenzja kollha tisimgħuni.  Alla jberikkom ilkoll.

Grazzi.

# Il-Komunità Aħmadija Musulmana

Il-Komunità Aħmadija fl-Iżlam hi organizzazzjoni reliġjuża, b'fergħat f'aktar minn 200 pajjiż. Hi l-aktar denominazzjoni dinamika fl-Iżlam fl-istorja moderna; is-sħubija hi stmata li tlaħħaq 170 miljun ruħ.

Ġiet imwaqqfa minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (1835-1908) fl-1889 ġewwa raħal żgħir remot jismu Kadjan fil-Punġab, l-Indja. Hu afferma li hu r-riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet u dak li hu mistenni li jiġi mill-komunità dinjija tar-reliġjonijiet (il-Maħdi u l-Messija tal-aħħar ġranet).

Hu ma ġabx leġislazzjoni ġdida, imma ppreżenta l-Iżlam skont il-Koran Imqaddes u kif il-Profeta Muħammad, il-Paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu ipprattikah mingħajr ebda alterazzjonijiet li kienu saru matul iż-żminijiet. Spejga li l-Iżlam huwa r-reliġjon tal-paċi u l-imħabba.

Il-Messija Mwiegħed kiteb aktar minn 84 ktieb, li huma mimlija b'għerf divin, spiritwali u importanti, għandhom it-tagħlim morali wkoll. Hu wkoll għamel ħafna taħditiet fuq aspetti differenti. Il-Messija Mwiegħed, il-paċi ta' Alla tkun miegħu, miet fis-26 ta' Mejju tal-1908. Wara li ħalla din id-dinja, l-istituzzjoni ta' Khilafat reġgħet ġiet stabbilita taħt gwida Divina.

Il-Kalifat hija sistema ta' tmexxija spiritwali fl-Iżlam hekk kif inhi mfissra fil-Koran Imqaddes. Hija mezz kif tgħaqqad lill-Musulmani fi grupp wieħed b'saħħtu taħt mexxej spiritwali wieħed.

Il-Kalif huwa maħtur għal għomru u llum il-Komunità Aħmadija Musulmana titmexxa mill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, li ġie elett f'din il-kariga rispettabbli f'April tal-2003. It-titlu uffiċjali tiegħu huwa Khalifatul Masiħ V (il-Ħames Kalif tal-Messija Mwiegħed).

## Imħabba għal Kulħadd – Mibegħda għal Ħadd

# Il-Komunità Aħmadija Musulmana Malta

This is a Maltese translation of a keynote address of Hadhrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul Masih V aba, the Supreme Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Jamaat on the subject of "Establishing Peace, Love and Harmony in Society" given at the Taj Residency Hotel, Ernakulam, Kerala, India on 30 November 2008, at VIP Reception in Honour of His Holiness.

Mob: (+356) 79320139
Tel: (+356) 21322105
Fax: (+356) 27322105
E: amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadija.org.mt

Imħabba għal Kulħadd
Mibegħda għal Ħadd